TAL-PIETA`

# MINUTI

## Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 18

It-Tlieta, 2 ta' Dicembru, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi u l-Kunsillieri, Colin Bowman, Ryan Douglas Tanti, Josef Fitzpatrick, Charles Grech u Mark Pisani.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

***1.1*** Il-minuti tas-Seduta Nru. 17 li saret nhar l-Erbgha, 5 ta' Novembru, 2025, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

***2.1*** Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***3.1*** ***Electric Van***. Is-Sindku informa li l-Kunsill kien se jinghata €15,000 minn skema tar-Regjun sabiex jithallas parti minn din il-vettura li se tkun qed isservi lill-komunita`. Flimkien mal-logo tal-Kunsill, irid isir ukoll logo tar-Regjun fuq il-vettura, approvat mill-istess Regjun. Ir-Regjun ghandu wkoll ikun mistieden ghal *launch* tal-vettura elettrika.

***3.2*** ***Attivita` tal-Milied ghall-haddiema u l-membri tal-Kunsill***. Din l-attivita` ser issir fit-23 ta' Dicembru bejn is-13.00 u l-16.00.

***3.3*** ***Skema LESA***. Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika ghal din l-iskema is-sena d-diehla.

## 4 KORRISPONDENZA

***4.1*** ***Rigal b'imhabba***: Fuq l-inizjattiva tal-mara tal-PrimMinistru, qed jergghu jinġabru rigali biex jitpoġġew taht is-sigra tal-Milied fi Pjazza Kastilja ghal tfal fil-bzonn. Min irid, jista' jġib rigali fil-Kunsill u jittiehdu f'daqqa fi Pjazza Kastilja.

***4.2*** ***Christmas fil-Pjazza***: Il-*bakery* li qieghed fi Pjazza San Luqa talab lill-Kunsill permess sabiex ghal waqt il-festi tal-Milied, bejn is-16 u l-24 ta' Dicembru, jaghmlu attività` tal-Milied, Novena, fi Pjazza San Luqa. Il-Kunsill qabel ma' dan iżda ghandu jkun hemm ċertu kundizzjonijiet fil-permess.

***4.3*** ***Fanali mal-faccata tal-Knisja tal-Ursolini***: Il-Madre tal-Ursolini infurmat li l-fanali mal-faccata tal-Knisja mhux jixghelu. Il-kuntrattur tal-Kunsill informa li dawn ma jistghax jinbidlilhom il-fanal ghaliex huma mis-sistema l-antika u ghalhekk irid jinbidel il-fanal kollu. Intalbet kwotazzjoni ghal dan lill-kuntrattur u infurmana li l-ispiza totali biex jitnehhew dawk li hemm u jitwahhlu tnejn godda hija ta' €3,729.98. Il-Kunsill se jkun qed jipprova jġib dawn mid-DPF. Kien hemm qbil unanimu biex dawn isiru.

## 5 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

**5.1** **Speed Camera / Traffic calming measures fi Triq San Luqa u Triq Mimosa**: Is-Sindku qal li kienu kellmuh nies u kellmu wkoll il-Kunsillier Grech dwar karozzi li jsuqu

bi speed eccessiv minn Triq Mimosa u Triq San Luqa u l-bzonn ta' speed camera f'din iz-zona. Is-Sindku qal li l-Kunsill se jitkellem ma' TM dwar dan u jistenna risposta.

***5.2*** **Multi dwar l-iskart**: Is-Sindku informa li fl-ewwel tliet kwarti tas-sena, saru 101 spezzjoni mill-ERA ġewwa Tal-Pieta` u minn dawn kienu inghataw 66 multa. Kienu inghataw ukoll numru ta' warnings.

***5.3*** **Laqgha mal-PA re. DPF**: Is-Sindku informa li saret laqgha mal-PA dwar il-fondi tad-DPF. Il-Kunsill ressaq il-proposta sabiex dawn il-fondi jintużaw fuq il-manutenzjoni tat-Torpedo Depot wara li jiġi awarded it-tender. Il-Kunsill intalab jibghat aktar informazzjoni sabiex din titressaq quddiem il-Bord tad-DPF ghal decizjoni.

**5.4** **Laqgha ma' IM dwar xoghol fil-lokalita`**: Is-Sindku informa li kienet saret laqgha mal-*liaising officer* ġdida ta' IM dwar ix-xoghol li kellu jsir fit-toroq tal-lokalita`. Fosthom gie diskuss *stormwater culvert* fi Triq Qrejten. Fl-istess laqgha attenda wkoll il-Perit tal-progett ta' Msida Creek fejn gie diskuss kif se jiġu preparati *connections* ghal ma Triq Qrejten, biex ma jkunx hemm il-htiega li terga' tinqala' t-triq.

Dwar Triq Pietru Xuereb, issemmiet l-urgenza li ssir Triq il-Gdida fi Triq Pietru Xuereb minhabba li bhalissa hija mharbta u kollha trab u tajn. IM infurmat li kienu se jibdew toroq Mile End u Schembri fil-Hamrun u qalu li Triq Pietru Xuereb tkun tista' tibda wara dawn. Iżda dwar Triq il-Gdida, IM se jaraw li din isirilha almenu l-ewwel saff ta' tarmac issa u tiġi konkluża meta ssir Triq Piteru Xuereb.

**5.5** **Laqgha ma' IM dwar il-proposta tal-Bridge fil-progett ta' Msida Creek**: Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kienx ikkonsultat dwar din il-proposta u ghalhekk talab laqgha ma' IM dwar il-proposta tal-Bridge fil-progett ta' Msida Creek, dwar il-proposta tal-gheluq tad-dahla ghal Triq Qrejten u dwar il-proposta tal-gheluq ghad-dahla ta' quddiem il-BOV. Fil-laqgha, il-Kunsill kien infurmat li d-disinn tal-bridge kien ghadu qed isir. Is-Sindku qal li fil-laqgha huwa ressaq dawn il-*concerns* tar-residenti lis-CEO ta' IM:

- Proġett li se jaġevola lil min juża l-karozza flok lil min qieghed juża mezz alternattiv bhal Trasport Pubbliku, rota, scooters jew mixi;

- Progett li se jkun ta' eye-sore minhabba li se jiġi viċin hafna tal-gallariji tar-residenti;

- Nuqqas ta' privatezza ghal dawn ir-residenti li ser ikollhom il-gallerija taghhom mal-bridge jew mat-tarag tal-bridge;

- Zjieda ta' persuni li jghaddu miz-zona fejn huwa propost il-bridge u ghalhekk iżid l-inkonvenjent ghar-residenti u l-hmieg;

- Problema ghall-anzjani li jghixu Tal-Pieta` ghax ser tkun aktar diffiċli ghalihom sabiex jaqsmu u jgawdu l-progett tal-*open space* li ser jinfetah mal-Imsida Creek. Ghalhekk ipoġġi piz inġust fuq il-persuni anzjani u dawk b'dizabilita`, speċjalment meta l-lifts ma jahdmux. Inkonvenjent ukoll fuq persuni li jkunu qed jirritornaw b'xirjiet u oġġetti tqal;

- Issemma wkoll li minn data li ġabret NGO partikolari fuq perjodu ta' sentejn, il-lifts fi bridges simili, kienu ta' spiss ma jahdmux jew imkissra;

- Persuni b'nuqqas ta' mobbilità` li forsi ma; jistghux jitilghu dak it-tarag kollu u jibzghu jużaw lift;

- Ikun hemm persuni li mhux se jitilghu il-lift jew taraġ u xorta jaqsmu mit-triq kif jiġri f'postijiet ohra fejn hemm xi bridge jew underpass;

- Bl-ammont ta' nies li jaqsmu, il-lifts mhux idejali ghax jaqsmu numru kbir ta' persuni fl-istess hin u hemm probabbilta` li jibqghu lura persuni anzjani jew b'nuqqas ta' mobbilità`;

- Persuni bir-roti ser tkun diffiċli ghalihom biex jaqsmu min-naha ghal ohra;

- Persuni, speċjalment bil-lejl, jista' ma jhossuhomx daqshekk komdi u sikuri li jaqsmu minn fuq il-bridge.

Dwar il-proposta li jinghalaq l-access mis-service road ghal main road kien hemm qbil unanimu.

Kien hemm qbil ukoll li s-service road ghandha tibqa' service road bil-parking fiha u isir STOP fit-tarf taghha.

Il-Kunsillier Douglas Tanti qal li hu kien qed jaqbel mal-concerns tan-nies u jidher li hemm aktar affarijiet negattivi fil-proposta tal-bridge.

Il-Kunsillier Fitzpatrick ippropona li minflok isir bridge, tistax issir subway. Saret proposta wkoll sabiex issir gibja biex tilqa' l-ilma tax-xita u bih ikun jista' jissaqqa il-gnien tat-Torpedo Depot.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jmexxi dawn il-concerns kollha dwar il-bridge lil IM, kif ukoll iressaq il-proposta ta' subway/underpass u ġiebja fil-vicin, sabiex jissolvew dawn il-concerns kollha.

## 6 MISTOQSIJIET

***6.1*** Il-Vici Sindku staqsa dwar jekk il-Kunsill irceviex kwotazzjoni tax-xoghol dwar il-grif tat-tarmac fi Triq Zammit Clapp. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li s'issa ghad ma kienx hemm risposta. Il-Vici Sindku ssugerixxa li l-Kunsill ghandu jinforma b'dan lill-Pulizija sabiex jiehdu passi huma.

## 7 AWTORIZAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI

***7.1*** Ma kienx hemm awtorizzazzjoni ghax-xiri ta' oġġetti/servizzi.

## 8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***8.1*** Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 17. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 9. TMIEM

***9.1*** Fis-7.15pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 7 ta' Jannar, 2026, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Stefano Savo
Sindku